**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Munir Mohamed Ali Gammudi**

Numru: 119/2016

Illum 8 ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Munir Mohamed Ali Gammudi,** ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Mohamed u Kerija nee' Treki, imwieled Tripoli, Libya nhar il-21 ta' Frar 1981, residenti fil-fond 92, 'Johncol Appts', Flat 71, Triq il-Gilju, San Pawl il-Bahar, Malta u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 133089(A), akkuzat talli nhar it-22 ta' Frar 2016, f'xi hin bejn 5:00 ta' filghaxija u 6:30 ta' filghaxija waqt li kien qieghed fir-Rabat, Ghawdex;

1. Minn Triq Palma li tinsab fir-Rabat, Ghawdex minghand l-istabbiliment bl-isem 'Tax-Xelina', ikkomtta serq ta' hwejjeg li l-valur taghhom ma' jaccedix l-mitejn u tnejn u tlettin ewro u

erbgha u disghin centenzmu (€232.94) u dan sar ghad-dannu ta' Joseph Debrincat u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data u hin minn Pjazza Indipendenza u minn Triq is-Suq, Rabat, Ghawdex minghand l-istabbiliment Roma Shopping Complex ikkomtta serq ta' hwejjeg li l-valur taghhom ma jaccedix l-mitejn u tnejn u tlettin ewro u erbgha u disghin centenzmu (€232.94) u dan sar ghad-dannu ta' Mary Camilleri u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data u hin, minn Triq Agius De Soldanis li tinsab fir-Rabat, Ghawdex minghand l-istabbiliment bil-isem 'Ta Speranza', ikkometta serq ta' karkur li l-valur tieghu ma jaccedix tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centenzmu (€23.29) u dan sar ghad-dannu ta' Gorg Zammit u/jew persuni ohra;

4. U aktar talli fl-istess data u hin, minn Triq Agius De Soldanis li tinsab fir-Rabat, Ghawdex bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe` serq ta' karkur minghand l-istabbiliment 'Ta' Speranza', Rizzo Service Station, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit ma' kienx ikun jaccedi t-tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centenzmu (€23.29);

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi gewwa r-Rabat, Ghawdex, gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazzez, b'periklu li jahbat ma' xi hadd u jweggghu;

6. U aktar talli nhar 22 ta' Frar 2016 f'xi hin bejn 9:10 p.m. u 9:30 p.m. gewwa Maple Leaf, Flat 3, Triq Kercem, Rabat, Ghawdex bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' ta' Paul Dwase, Paul Kwasi Yirisob u Martin Opoku u dan bi ksur ta' Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' hsarat hgiega ta' tieqa gewwa Maple Leaf, Flat 3, Triq Kercem, Rabat, Ghawdex ghad-dannu ta' Paul Dwase, Paul Kwasi Yirisob, Martin Opoku u/jew persuni ohra liema hsara ma' teccedix aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250).

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr ma' darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddab, jew qabad armi u cioe' sikkina kontra l-persuni ta' Paul Dwase, Paul Kwasi Yirisob u Martin Opoku;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra l-persuni ta' Paul Dwase, Paul Kwasi Yirisob u Martin Opoku sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-kundizzjoni tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D., fl-10 ta' Novembru 2014 li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li kien mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Munir Mohamed Ali Gammudi u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma ta' 5,000 Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, talli wettaq reat waqt perjodu operativ ta' sentenza sospiza moghtiha lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta minn Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D. nhar 12 ta' Novembru 2015;

13. U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti ta' Malta, li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Paul Dwase, Paul Kwasi Yirisob u Martin Opoku skont l-Artikoli 383 u 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat:**

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlief ghal dawk li kien hemm r-rinunzja ghalihom u li m'ghandux jitqies bhala ricediv.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena fejn qablu dwar parametri li l-ligi tippermetti u li l-Qorti ghandha tikkunsidra fid-decizjoni taghha.

Il-Prosekuzzjoni qablet li stante l-mahfra u r-rinunzja ghall-azzjoni kriminali minn Paul Dwase, Paul Kwasi Yirisob u Martin Opoku l-imputazzjonijiet sitta (6), sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9) ma jirrizultawx u l-imputat ghandu jigi liberat minnhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet li wiegeb hati ghalihom.

**Ikkunsidrat;**

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn l-proceduri u l-fatt li l-imputat ghandu problemi psikologici u dan minhabba t-trawma li ghadu jsofri minhabba l-kunflitt fil-Libja li beda fl-2011. F'dan il-kunflitt l-imputat sofra anke minn feriti u trattament inuman minhabba li kien jappartjeni mal-militanti favur ir-regim ta' dak z-zmien, tant li llum qieghed igawdi minn protezzjoni sussidjarja f'pajjizna.

Fid-decizjoni taghha l-Qorti se tipprovdi ghall-kura li ghandu bzonn l-imputat biex jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li jidher affettwat minnhom li wasluh ukoll biex jiddelinkwi.

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal- piena."*

**Ikkunsidrat;**

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-unika triq li ghandha hi li timponi piena karceraraja ghar-reati li taghhom qed jinsab hati llum wara l- ammissjoni tieghu, se ddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta minn Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D. nhar 12 ta' Novembru 2015 fejn l-imputat kien inghata sentenza ta' sentejn (2) habs sospizi ghal erba' (4) snin.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-imputat, il-Qorti mhijiex qed tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-garanziji personali imsemmija fid-digriet ta' nhar il-10 ta' Novembru 2014 izda l-Qorti se tikkundanna lill-imputat tliet (3) xhur prigunerija talli kiser wahda mill-kundizzjonijiet li ghamlitlu l-Qorti dakinhar.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 28, 49, 50, 284, 285, 289, 338 (cc), 339(d), 340, 453(1), 412D u 533 tal-Kapitolu 9 ma ssibx lill-imputat Munir Mohamed Ali Gammudi hati tal-imputazzjonijiet sitta (6), sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9) u tlettax (13) ghax ma jirrizultawx u minnhom tilliberah, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), ghaxra (10) u tnax (12) migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament disa'(9) xhur prigunerija li tliet (3) xhur minnhom huma piena talli l-imputat kiser il-kundizzjoni mponuta mill-Qorti nhar il-10 ta' Novembru 2014.

In oltre l-Qorti tordna li s-sentenza fuq citata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Novembru 2015 fejn l-imputat gie ikkundannat sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ssir operattiva u s-sentejn (2) prigunerija jigu in effett immedjatament.

Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv inkonnessjoni ma' dan il-kaz ghandu jitnaqqas miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin inkonnessjoni ma' din is-sentenza.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex waqt li l-hati jkun jiskonta l-piena jaghmel dan fl-Isptar Monte Carmeli fit-Taqsima Forensika biex ikun jista' jinghata t-trattament li qieghda tordnalu l-Qorti permezz ta' Ordni ta' Trattament.

Inoltre, wara rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa indikat li l-hati jitqiegħed taħt ordni ta′ trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieġ li jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li jidher affettwat minnhom li wasluh ukoll biex jiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta l-Qorti qiegħda tpoġġi lil Munir Mohamed Ali Gammudi taħt Ordni ta′ trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta′ trattament għall-perjodu ta′ tliet (3) snin mil-lum, b′dan li Munir Mohamed Ali Gammudi ghandu jkun taht il-kura ta′ Dr. Joseph Spiteri.

Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta′ din l-ordni u l-konsegwenzi li jkollu jaffaċċja l-hati fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-ordni skont kif ordnat lilu.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur tal-ufficcju tal-Probation u Parole.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x′jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti f′dawn il-proceduri.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**